V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10452 — CPP Investments/FountainVest/ Langdi Pharmaceutical)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 365/04)

1. Fit-2 ta' Settembru 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Canada Pension Plan Investment Board ("CPP Investments", il-Kanada),

— FountainVest Capital Partners GP4 Ltd ("FountainVest", il-Gżejjer Cayman), u

— Beijing Zhendong Langdi Pharmaceutical Co., Ltd u s-sussidjarji tagħha ("Langdi Pharmaceutical", iċ-Ċina).

CPP Investments u FountainVest jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' Langdi Pharmaceutical.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— CPP Investimenti hija organizzazzjoni ta' ġestjoni tal-investiment professjonali li tinvesti f'ekwitajiet pubbliċi, ekwitajiet privati, proprjetà immobbli, infrastruttura u strumenti ta' introjtu fiss.

— FountainVest hija ditta ta' ekwità privata indipendenti. Is-setturi li tiffoka fuqhom jinkludu l-konsumaturi, il-media u t-teknoloġija, il-kura tas-saħħa, l-industrija, u s-servizzi finanzjarji.

— Langdi Pharmaceutical hija kumpanija farmaċewtika attiva prinċipalment fil-produzzjoni u l-provvista ta' supplimenti tal-kalċju għat-tfal, in-nisa tqal u li qed ireddgħu, in-nisa tal-menopawsa u l-anzjani, biex tgħin fil-prevenzjoni u t-trattament tal-osteoporożi, li huma rreġistrati bħala prodotti bla preskrizzjoni (over-the-counter, OTC).

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jitqies għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja trid tiġi dejjem indikata:

M.10452 — CPP Investments/FountainVest/Langdi Pharmaceutical

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.